VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,897, 30 ta' Marzu, 2012
Taqsima B

A.L. 106 tal-2012

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 174.08

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "EUR 125,000" għandhom jidħlu l-kliem "EUR €130,000"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "EUR 4,845,000" għandhom jidħlu l-kliem "EUR €5,000,000".